**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 29 ta’ Mejju 2025

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR GABRIEL KITCHER)**

**VS**

**MARIA VELLA**

(DETENTRIĊI TAL-PASSAPORT NRU. 265263M)

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużata **Maria Vella**, bint Paul u Frances Vella nee’ Degiorgio, imwielda tal-Pietà nhar il-5 ta’ Mejju 1963, residenti fil-fond 31, Triq ir-Rixtellu, Luqa, u detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0265263M u akkużata talli nhar il-21 ta’ Mejju 2025, għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta’ filgħodu, ġewwa l-bini tal-XXXX:

1. Bil-ħsieb li testorċi flus jew xi ħaġ’oħra, jew li tagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li ġġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew

tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, heddedt li tagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li tagħti malafama lil ABC u/jew persuni oħra.

Il-Qorti kienet mitluba fil-każ ta` ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużata sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' ABC,  kif ukoll sabiex tipprovdi għas-sigurtà tax-xhieda kollha li eventwalment jiddeponu f'din il-kompilazzjoni, bil-għan li x-xhieda kollha jkunu protetti minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġunalhom biża' ta' vjolenza;

Fil-każ ta' ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew ta' kull artikolu ieħor tal-liġi li jista' jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużata rreġistrat ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tagħha u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħatat żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Semgħet lill-akkużata tikkonferma l-ammissjoni tagħha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta li dakinhar tal-21 ta' Mejju 2025 l-akkużata avviċinat lill-parte ċivile u qaltlu li hi għandha informazzjoni derogatorja dwaru u li jekk ma jtihiex €5,000 hija

lesta li xxandar din l-informazzjoni ma' terzi persuni. Il-parte ċivile sejjaħ terza persuna f'dak il-mument u x'ħin rat hekk l-akkużata telqet minn ħdejħ. Sfortunatament meta l-parte ċivile staqsiha x'jisimha, l-akkużata vvintat isem. Fit-28 ta' Mejju 2025 l-akkużata reġgħet marret fil-XXX issaqsi għall-parte civile u n-nies ħadulha xi videos u anke ritratti. Hi baqgħet sejra YYY u minn hemmhekk il-pulizija sabuha u arrestawha.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużata ammettiet l-akkuża miġjuba fil-konfront tagħha u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tagħha, u abbażi tal-fatt li l-Qorti m'għandiex raġuni għalfejn tiddubita mill-ammissjoni tal-akkużata, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużata ħatja tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha kif minnha ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti semgħat lill-akkużata tiskuża ruħha mal-*parte civile* filwaqt li ddikjarat li l-informazzjoni dergatorja ma kienitx tafha di scienza propria iżda intqal lilha minn terza persuna u li minn dak li qaltlu m'hu vera xejn. Il-QOrti semgħet ukoll li filfatt dakinhar tat-28 ta' Mejju 2025 hija marret fil-XXX sabiex titolbu maħfra ta' dak li għamlet. Il-Qorti semgħet ukoll illi l-parte ċivile ħafrilha.

Il-Qorti tinnota li l-akkużata hija pjuttost kbira fl-età u li għandha l-Fedina Penali tagħha nadifa. Huwa ċar għall-Qorti li dan kien incident sfortunat li seħħ darba.

Illi għalhekk, il-Qorti tqis li l-piena m'għandhiex tkun waħda ta' inkarċerazzjoni iżda waħda rijabilitattiva.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikolu 250 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tagħha, qed issib lil **Maria Vella <u>ħatja</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tagħha u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-

Liġijiet ta' Malta qed tilliberaha bil-kondizzjoni li ma twettaqx reat ieħor fi żmien **sentejn (2)** mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem li hija tifhem sew li jekk tagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, hija tkun tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali li ġiet akkużata bihom f'dan il-każ kif ukoll għal dawk ir-reati li tagħhom tkun instabet ħatja.

Illi l-Qorti qed tagħmel ukoll Ordni ta' Trazzin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-konfront tal-ħatja a favur ta' **ABC** għall-perjodu ta' sentejn (2) li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-lum u dan ai termini tad-Digriet mogħti kontestwalment;

Peress li ma ġew nominati ebda esperti f'dawn il-proċeduri, il-Qorti qed tastjeni milli tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**